ALTERNATTIVA DEMOKRATIKA
- THE GREEN PARTY -
www.alternattiva.org.mt

# Proposti Dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali

**11 ta' Settembru 2008**

# Proposti ta' Alternattiva Demokratika għal Riforma tal-Kunsilli Lokali

Wara ħmistax-il sena ta' ħidma riforma tal-Kunsilli Lokali għandha tibni fuq il-ħafna ġid li sar matul dawn is-snin f'dan il-qasam. Riforma serja għandha tfittex kif l-esperjenza tad-diċentralizzazzjoni tal-poter politiku u amministrattiv permezz tal-Kunsilli Lokali tista' titwessa' ħalli l-pajjiż itejjeb it-tmexxija tiegħu fil-livelli kollha u per konsegwenza l-kwalita' tal-ħajja ta' kulħadd.

Il-proposti ta' Alternattiva Demokratika jittrattaw l-oqsma segwenti :

1. Dritt għall-vot mas-16-il sena,
2. Estensjoni tat-terminu tal-Kunsill Lokali,
3. Is-Segretarji Eżekuttivi,
4. Ir-rwol tas-Sindku,
5. Ir-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera,
6. Remunerazzjoni għall-Kunsilliera kollha,
7. Finanzjament tal-Kunsilli Lokali,
8. Tenders tal-Kunsilli Lokali,
9. Gvern Reġjonali,
10. Użu ta' fondi mill-EU,
11. Rwol għall-Kunsilli Lokali fil-ħidma tal-MEPA,
12. Referendum Lokali dwar proġetti li jeħtieġu EIA,
13. Konflitti bejn il-Kunsilli Lokali, l-Awtoritajiet imwaqqfa b'liġi u/jew Dipartimenti tal-Gvern,
14. Taħriġ għall-kunsilliera lokali,
15. Devoluzzjoni tal-edukazzjoni fuq livell lokali,
16. Bye-laws.

Dawn huma l-proposti :

1. Kif imfisser fil-manifest għaż-Żgħażagħ ippreżentat minn ADŻ, Alternattiva Demokratika ilha minn Frar 2008 tisħaq fuq il-ħtieġa li ż-żgħażagħ sa mill-eta' ta' 16-il sena għandhom jingħatalhom id-dritt kemm li jivvutaw kif ukoll li jikkontestaw bħala kandidati għall-Kunsilli Lokali. Iż-żgħażagħ jistgħu jagħtu kontribut sostanzjali f'livell lokali u m'għandhomx jibqgħu jiġu ostakolati milli jagħmlu dan.

2. Alternattiva Demokratika taqbel illi l-atmosfera ta' elezzjoni permanenti li hawn fil-pajjiż in parti minħabba l-elezzjoni kull sena ta' terz mill-Kunsilli Lokali m'hiex pożittiva. Il-perjodu ta' tlett snin li għalih huwa elett Kunsill Lokali huwa meqjus ukoll bħala ftit qasir u għandu jitwal. AD taqbel li t-terminu tal-Kunsilli Lokali għandu jiżdied għal ħames snin biex l-elezzjoni tagħhom tkun tista' tibda issir flimkien mal-elezzjoni tal-Parlament Ewropew. B'hekk ikun hemm elezzjoni waħda f'Malta u Għawdex għall-Kunsilli Lokali kollha darba kull ħames snin.

3. Il-pożizzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi għandha tkun imħarsa. Attwalment dawn huma impjegati fuq kuntratt ta' tlett snin mill-Kunsill Lokali. Fil-parti l–kbira dawn ikollhom il-kuntratt tagħhom imġedded meta jintemm. Kien hemm iżda każi fejn inbidlet l-amministrazzjoni fuq livell lokali u għal raġuni purament politika kien hemm segretarji eżekuttvi li ma kellhomx il-kuntratt tagħhom imġedded. Għandu jkun assigurat li s-Segretarju Eżekuttiv ikun f'pożizzjoni li jista' jaqdi l-inkarigu tiegħu sewwa u b'kompetenza. Jekk il-lealta' politika waħedha ser tkun kriterju li a bażi tagħha jitkejjel l-operat tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali dan ser ikun diffiċli ħafna li jsir.

4. AD tifhem il-proposta li qed issir biex l-inkarigu tas-Sindki jkunu fuq bażi full-time u b'hekk imexxu direttament huma l-ħidma tal-Kunsilli Lokali. Dwar din il-proposta hemm numru ta' osservazzjonijiet. L-ewwel fosthom hi li l-uffiċjal eżekuttiv tal-Kunsill Lokali m'huwiex is-Sindku iżda s-Segretarju Eżekuttiv. Jekk il-ħatra tas-Sindku tkun fuq bażi full-time ser jinħoloq lok għal konflitt f'oqsma li s-Sindku m'għandux jindaħal. It-tieni osservazzjoni hi li jekk ir-rwol tas-Sindku isir wieħed fuq bażi full-time ikunu effettivament esklużi minn din il-kariga dawk kollha li l-impieg jew professjoni tagħhom ma tippermettilhomx li jitilqu mix-xogħol għal perjodu twil ta' żmien. Diġa dawk li jaħdmu fis-settur privat u huma attivi fil-Kunsilli Lokali għandhom diffikultajiet kbar u f'dan il-kuntest huma żvantaġġjati fil-konfront ta' impjegati ġejjin mis-settur pubbliku. Bl-obbligu li s-Sindku jkun full time mal-Kunsill Lokali jista' jinħoloq ostaklu ieħor li jbiegħed minn ħidma fil-Kunsilli Lokali persuni validi li għandhom ħafna x'jikkontribwixxu lis-soċjeta. Għalkemm b'emenda għal-liġi min jiġi elett bħala Kunsillier, Sindku jew Viċi Sindku jista' jingħata protezzjoni fl-impieg tiegħu minħabba l-impenji tiegħu f'isem il-komunita, AD tifhem li emenda bħal din hu diffiċli ħafna li tindirizza d-diffikultajiet ta' dawk li jaħdmu għal rashom : in partikolari dawk li jaħdmu fil-kummerċ, f'SMEs (kemm żgħar kif ukoll mikro) jew f'xi professjoni jistgħu effettivament ikunu esklużi mill-kariga ta' sindku jekk din tkun waħda full-time.

5. Għandu jkun assigurat illi kull kunsillier fil-Kunsilli Lokali jingħata qasam jew oqsma ta' responsabbilta'. M'għandux ikun possibli għal xi Sindku li jeskludi lil xi wieħed jew iktar mill-Kunsilliera eletti milli jkun direttament responsabbli lejn il-Kunsill għal xi qasam partikolari.

6. Il-Kunsilliera kollha għandhom ikollhom rimunerazzjoni xierqa li tikkumpesshom kemm għall-fatt li biex jaqdu l-inkarigu tagħhom ħafna drabi jonqsilhom id-dħul mill-impieg tagħhom għax ma jkunx possibbli li jaħdmu s-sahra, kif ukoll minħabba spejjeż li jkollhom bħall-użu ta' karozza jew telefon ċellulari fuq xogħol tal-Kunsill.

7. Il-mod kif ikun ikkomputat il-finanzjament ta' Kunsill Lokali għandu jibda jieħu konsiderazzjoni ukoll taċ-ċaqlieq staġjonali tal-popolazzjoni. Lokalitajiet li jkollhom popolazzjoni li tiżdied fix-xhur tas-sajf għandhom jingħataw allokazzjoni addizzjonali biex ikopru spejjes miżjuda b'mod

partikolari iżda mhux biss dawk konnessi mat-tindif u l-ġbir ta' skart. Il-formola kurrenti tal-finanzjament l-anqas ma tieħu in konsiderazzjoni l-impatt li żoni ta' divertiment għandhom fuq il-budget tal-Kunsilli Lokali. Dan l-impatt ma jinħassx biss fil-lokalita' innifisha iżda ħafna drabi jinħass ukoll f'lokalitajiet oħra fil-qrib : eż. l-impatt ta' Paceville fuq iż-żona residenzjali tas-Swieqi. Il-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw il-jedd li jiddeterminaw il-ħlasijiet li jirċievu dwar l-impatti tal-industrija tal-kostruzzjoni fuq il-lokalita' u dan billi mhux kull lokalita' iġġorr l-istess impatt. Parti mid-dħul tal-liċenzji tal-ħwienet għandu jmur ukoll għand il-Kunsilli Lokali u dan biex jagħmel tajjeb għall-impatti ta' dawn fuq il-lokalitajiet.

8. Huwa importanti li l-proċess ta' Green Purchasing li l-Gvern beda jħejji biex jintroduċi għal tenders li joħroġ hu jkun applikabbli ukoll għall-Kunsilli Lokali. Dan ma jinkudix biss kriterji ambjentali fil-proċess tal-aġġudikazzjoni iżda għandu jittieħed konsiderazzoni ukoll tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati li jkollu min jikkonkorri għas-sejħa għall-offerti. B'hekk il-Kunsilli Lokali jkunu fuq quddiem biex jiġi assigurat li l-abbużi diversi eżistenti fid-dinja tax-xogħol fis-settur privat ma jkollhomx is-sostenn ta' fondi pubbliċi.

9. Fil-pajjiż hawn diversi esperjenzi ta' Gvern Reġjonali. Il-każ t'Għawdex huwa dak li l-iktar jispikka : Gvern Reġjonali mmexxi mill-Gvern Ċentrali. L-esperjenza tal-wardens kif ukoll id-diċentralizzazzjoni tat-tmexxija tal-iskejjel permezz tas-sistema tal-kulleġġi huma forom oħra ta' tmexxija reġjonali b'parteċipazzjoni li tvarja mill-Gvern Ċentrali. Wasal iż-żmien li tinħoloq struttura ta' Gvern Reġjonali b'oqsma ta' responsabbilta' definiti. It-tmexxija tar-reġjuni li għandhom jinħolqu għandha tkun f'idejn persuni eletti għal dan l-iskop. F'dan il-kuntest Alternattiva Demokratika taqbel mal-proposta tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar rwol tal-Kunsilli fit-twettieq tal-politika soċjali. Dan fil-kuntest tal-ħarsien w it-tisħieh tal-kapital soċjali li l-lokalitajiet tagħna jippossjedu. AD iżda taħseb li jkun iktar għaqli li devoluzzjoni tal-politika soċjali ssir fuq livell reġjonali.

10. Tissaħħah il-kapaċita amministrattiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex din tkun tista' tgħin b'mod iktar effettiv lill-Kunsilli Lokali illi jkunu jixtiequ jagħmlu użu minn fondi tal-Unjoni Ewropeja għall-proġetti fil-lokalitajiet.

11. Hemm ħtieġa ta' rwol ikbar tal-Kunsilli Lokali fil-proċeduri li llum huma amministrati mill-MEPA. L-ewwel li l-Kunsill Lokali jkun meqjus ex-lege bħala rappreżentant tal-komunita, u għaldaqstant għandu jingħata posizzjoni speċjali fil-proċeduri. Inkluż li jkollu dritt li jkun ikkonsultat f'kull ħin kif ukoll id-dritt li jissottometti appell fejn dan ikun meħtieġ.

12. Fil-każ ta' proġetti ta' żvilupp li jirrikjedu EIA il-Kunsill Lokali (wieħed jew iktar skond in-natura u l-firxa tal-proġett) għandu jkun soġġett għal referendum lokali jekk talba għal dan issir minn Kunsill Lokali jew min-numru stabilit ta' residenti tal-lokalita' jew tal-lokalitajiet effettwati.

13. Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għandu jkun attrezzat biex ikun jista' jirrisolvi l-konflitt li ta' sikwit qiegħed jinqala' bejn awtoritajiet pubbliċi, kemm dawk imwaqqfa b'liġi bħall-Awtorita Dwar it-Trasport u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kif ukoll ta' Dipartimenti tal-Gvern.

14. Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għandu flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jniedi skema kontinwa ta' taħriġ għall-Kunsilliera Lokali. Dan huwa meħtieġ minħabba li jinħass nuqqas kbir f'dan ir-rigward. Għax għalkemm il-kunsilliera kollha huma motivati pożittivament biex iġibu 'l quddiem il-ġid komuni fil-komunta fejn huma attivi mhux dejjem huma konxji tal-limitazzjonijiet legali u amministrattivi.

15. L-edukazzjoni fuq livell lokali għandha tkun responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, taħt is-sorveljanza tal-Gvern Ċentrali bħala r-regolatur. Bit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġiet mewġa ta' interess fil-mod ta' kif faċilitajiet edukattivi jinfetħu aktar għall-użu tal-komunita' kollha. Minkejja li l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali saħaq dwar is-sehem tal-Kunsilli Lokali sabiex l-iskejjel isiru Ċentri ta' Tagħlim fil-Kominita', f'xi lokalitajiet rajna dan iseħħ fuq bażi tajba u f'oħrajn għadu l-anqas biss inxtamm. L-istess qafas (Kurrikulu Minimu Nazzjonali), jirrikonoxxi li t-taqsima responsabbli għall-edukazzjoni ta' l-adulti tista' toffri l-appoġġ billi tidentifika edukaturi mħarrġa fl-edukazzjoni ta' l-adulti sabiex iservu ta' konsulenti u animaturi ta' programmi edukattivi fil-komunita'. Nisħqu għalhekk, li l-Kunsilli Lokali mhux biss għandhom ikollhom ir-rieda sabiex l-iskejjel isiru Ċentri ta' Tagħlim fil-Kominita', iżda titjieb ir-rabta speċifikament għal dan il-għan bejn il-Kunsill Lokali u l-Kunsill Skolastiku sabiex il-Kunsilli Lokali jkollhom l-użu ta' dan il-kapital tant importanti u li għandu jikkumplimenta n-nefqa akbar ta' l-iskola/skejjel fil-lokalita'.

16. Jiġi stabilit il-perjodu massimu li fih il-Ministru għandu jiddeċiedi dwar proposta għal bye-law minn Kunsill Lokali, kif ukoll jiġu stabiliti kriterji ċari li fuqhom il-Ministru jista' jiddecidi li ma japprovax proposta ta' bye-law. B'hekk ikun evitat ostruzzjoniżmu politiku.

**11 ta' Settembru 2008**